MALTA

# QORTI CIVILI
# PRIM' AWLA

## ONOR. IMHALLEF
## JOSEPH AZZOPARDI

Seduta tal-15 ta' Frar, 2006

Citazzjoni Numru. 2297/2000/1

**Registratur tal-Qrati Superjuri.**

**-vs-**

**Edwin Bartolo, bhala President u Philip Bezzina, bhala Segretarju, in rapprezentanza tal-Koperattiva ta' Min Irabbi l-Majjali Limited (KIM) u b'digriet ta' 4 ta' April, Victor Vassallo awtorizzat jintervjeni fil-kawza 'in statu et terminis'.**

**Il-Qorti;**

Rat l-att tac-citazzjoni pprezentata fit-13 ta' Ottubru, 2000 li permezz taghha l-attrici ppremettiet:

Illi b'rikors ipprezentat fid-19 ta' Mejju, 2000, Victor Vassallo espona illi in segwitu ghall-mandat ta' inibizzjoni numru 4301/97, Edwin Bartolo u Philip Bezzina bieghu sbatax-il fahal jew aktar bi ksur ta' l-imsemmi mandat;

Illi b'hekk huma ghamlu qliegh b'qerq ghad-danni ta' l-istess rikorrent Victor Vassallo, filwaqt li kisru l-ordni tal-Qorti;

Illi r-rikorrent talab lil din l-Onorabbli Qorti joghgobha tordna li jittiehdu proceduri ghal disprezz lejn l-awtorita' taghha fil-konfront ta' l-istess Edwin Bartolo u Philip Bezzina kemm proprio kif ukoll nomine – dokument "X1";

Illi b'digriet tat-28 ta' Awissu, 2000, din il-Qorti laqghet it-talba ta' l-imsemmi Victor Vassallo – "X2";

Illi ghalhekk kellha ssir din il-kawza.

Ghalhekk jitolbu lil din l-Onorabbli Qorti ghaliex m'ghandhiex;

1. issibhom hatja ta' disprezz lejn l-awtorita taghha skond Titolu XVII tat-Tielet Ktieb tal-Kap. 12;

2. tikkundannahom ghall-pieni preskritti mill-ligi fl-istess Kap. 12.

Bl-ispejjez kontra l-konvenuti li huma minn issa ngunti ghas-subizzjoni.

Rat id-dikjarazzjoni ta' l-attrici mahlufa u l-lista tax-xhieda.

Rat in-nota tal-eccezzjonijiet tal-konvenut Edwin Bartolo et nomine ipprezentata fil-15 ta' Frar, 2001 li permezz taghha eccepixxa;

1. Illi il-konvenut et nomine ma jichdux illi in effetti huma

bieghu sbatax il-fahal meta kien hemm fis-sehh mandat ta’ inibizjoni izda tali bejgh ma sarx b’disprezz lejn l-Awtorita’ ta’ dina l-Onorabbli Qorti izda minhabba cirkustanzi serji li sehhew meta gew kostretti jeffettwaw il-bejgh;

2. Illi huwa tabilhaqq car illi l-promotur ta’ dina l-procedura u cioe’ Victor Vassallo qed jaghmel minn kollox sabiex jirrikata lill-eccipjenti bl-iskop li jirbah estenzjoni ta’ ghaxar snin ohra fuq kuntratt illi huwa ghandu mal-Koperattiva ta’ Min Irabbi l-Majjal Limited liema kuntratt wasal sabiex jiskadi;

3. Illi in effetti meta sar il-bejgh tal-fhula in kwistjoni dan ma sarx b’xi habi izda fil-miftuh tant illi Vassallo kien jaf b’dan mill-ewwel izda ghazel li jipprocedi issa ghas-semplici raguni illi l-eccipjenti qed jirrifjutaw li jcedu ghar-rikatt ta’ Vassallo li sahansitra heded li ser jiehu ukoll passi kriminali u dana wara li kien intlahq ftehim mieghu, fil-presenza tal-Onorevoli Ninu Zammit, Ministru tal-biedja u Sajd li in forza tieghu Vassallo kien xorta ser jithallas dak lilu dovut fuq il-bejgh tal-fhula.

4. Illi l-esponenti jaghmlu pjena referenza ghall-atti kollha tal-mandat ta’ inibizzjoni numru 4301/97 milqugh fl-1 t’Awissu, 1997 u ghall-atti l-ohra kollha sussegwenti u senjatament ghar-risposta tal-eccipjenti (kopja informi annessa Dok. A) fejn hemm spjegat fid-dettal dak kollu li sehh;

5. Salvi eccezzjonijiet ulterjuri.

Rat id-dikjarazzjoni tal-konvenut Edwin Bartolo et nomine mahlufa u l-lista tax-xhieda.

Rat in-nota tal-eccezzjonijiet tal-konvenut Philip Bezzina f'ismu proprju ipprezentata fil-30 ta' Ottubru, 2001 li permezz taghha eccepixxa;

1. Preliminarjament l-insostenibilita' tal-azzjoni attrici ghad illi ma jinsabx indikat liema artikolu tal-Kodici ta' l-Organizzazzjoni Procedura Civili, qed jigi maghmula talbiet attrici.

2. Preliminarjament ukoll u minghajr pregudizzju ghal dak diga eccepit, in-nuqqas ta' integrita bl-gudizzju ghad ilu kull att li jsir mill-Koperattiva konvenuta jsir wara decizjoni kollegjali tal-Kumitat ta' Tmexxija u ghalhekk ir-responsabbilta' personali ghal tali att ma tistax tintalab fil-konfront tar-rapprezentanti gudizzzjarji biss izda fil-konfront tal-membri kollha tal-Kumitat ta' Tmexxija li jkunu ppartecipaw f'dik id-decizjoni.

3. Minghajr pregudizzju u fil-meritu t-talbiet attrici kwantu diretti kontra l-eccipjent personalment huma nfondati fil-fatt u fid-dritt u ghandhom jigu michuda bl-ispejjes ghad li ma kien hemm ebda ksur ta' ordni tal-Qorti u l-ebda allegat ksur ma seta' gie instigat, kommess jew awtorizzat mill-eccipjenti personalment.

4. Salv eccezzjonijiet ulterjuri.

Rat id-dikjarazzjoni tal-konvenut Philip Bezzina mahlufa u l-lista tax-xhieda.

Rat id-digriet tal-12 ta' Jannar, 2004 illi permezz taghha l-kawza thalliet *sine die* u rikors tal-attur illi permezz tieghu talab ir-riappuntament taghha.

Rat id-digriet ta' l-4 ta' Frar, 2004 illi permezz tieghu l-kawza regghet tqeghdet fuq il-lista tas-smiegh.

Rat id-digriet tal-25 ta' Ottubru, 2005 illi permezz taghha l-kawza regghet thalliet sine u r-rikors tal-attur tal-11 ta'

Novembru, 2004 u d-digriet tal-15 ta' Novembru, 2004 illi permezz tieghu l-kawza regghet ghal darb'ohra tqeghdet fuq il-lista tas-smiegh.

Rat li l-konvenuti gew notifikati bl-avviz tas-smiegh mill-gdid tal-kawza.

Rat il-verbal tas-seduta tad-9 ta' Jannar, 2006 li permezz taghha l-kawza thalliet ghas-sentenza.

Ikkunsidrat.

Illi l-attur qed jitlob li l-konvenuti jigu kkundannati ghall-disprezz lejn l-awtorita' taghha wara li allegatament *nonostante* l-mandat ta' inibizzjoni imsemmi fic-citazzjoni bieghu numru ta' fahal. Il-konvenut Bartolo ammetta dan izda qal fid-dikjarazzjoni tieghu illi ghamel dan minhabba li gew kostretti jaghmlu dan. Il-konvneut Bezzina qal li d-decizjonijiet tal-Koperattiva jittiehdu mill-kumitat u mhux minnu personalment.

Il-konvenuti ma ressqux provi u qatt ma dehru fl-ahhar seduti. Il-Qorti ghalhekk semghet biss lil Victor Vassallo li kien beda dawn il-proceduri billi talab u ottjena l-hrug tal-mandat ta' inibizzjoni kontra l-konvenuti. Dan esebixxa kopja ta' transazzjoni li sehhet bejnu u l-konvenuti fil-mori ta' dawn il-proceduri. Permezz ta' din l-iskrittura (fol 114) il-Koperattiva konvenuta obligat li thallas somma flus lil Vassallo u l-ispejjes ta' numru ta' kawzi li kien fetah fil-konfront taghhom. Sar ukoll ftehim fuq xi spejjes legali ohra bis-solita konkluzjoni li l-partijiet ma kellhomx iktar pendenzi bejniethom.

Dan naturalment ma jwaqqafx dawn il-proceduri li huma ta' natura kwazi kriminali izda hu naturali ukoll li l-Qorti tiehu dan in konsiderazzjoni. Fid-deposizzjoni tieghu Vassallo qal li

huwa kien sofra dannu li baqa' ghaddej izda dan naturalment ma jinfluwixxixi fuq din il-kawza lanqas ghaliex hija imsejjsa fuq l-obbligu tac-cittadin li jobdi l-ordnijiet tal-Qorti ikunu x'ikunu c-cirkostanzi u jidher li skond il-provi mressqa li l-konvenuti fil-fatt naqsu li jaghmlu dan.

**Ghalhekk il-Qorti fil-waqt li tichad l-eccezzjonijiet tal-konvenuti tilqa' t-talba attrici u tikkundanna lill-konvenuti ihallsu is-somma ta' hamsin Lira Maltin (Lm 50) bhala piena.**

**L-ispejjes tal-kawza jithallsu mill-konvenuti.**

**Moqrija.**

**< Sentenza Finali >**

--------------------------------TMIEM--------------------------------